MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 85/2003

**Middle Sea Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Philip Attard abbazi tal-polza ta' l-assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Philip Attard**

**vs**

**George Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tnax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm812.81) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh fit-3 ta' Marzu 2002 fi Triq il-Kbira, Dingli, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAF 889 u habat mal-vettura FBE 084 misjuqa minn Philip Attard, ghal liema kollizzjoni huwa unikament responsabbli l-istess konvenut

,minhabba traskuragini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tas-27 ta' Awissu 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Marzu 2003, fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident *de quo* sehh unikament b'negligenza, traskuragini, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta'l-attur Philip Attard, kif jista jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta'l-attur Philip Attard, ta' PS 125, Malcolm Mifsud, Andrew Pizzuto, Richard Fenech, kif ukoll tal-konvenut.
.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh meta iz-zewg vetturi li kienu qed jinsaqu fl-istess triq izda fid-direzzjoni l-opposta ta' xulxin haxxknu ma' xulxin. L-attur jikkontendi illi l-konvenut kien gej bi speed eccessiv u kien qed isuq f'nofs tat-triq, tant illi hekk kif rah gej ghal fuqu huwa zamm brejk, izda l-konvenut xortawahda haxken mal-genb tieghu tal-karozza. Il-konvenut min-naha l-ohra ighid l-oppost u cioe' illi l-attur kien gej bi speed eccessiv fid-direzzjoni l-opposta u invada l-karreggjata tieghu biex b'hekk huwa laqtu bil-ponta ta' quddiem tal-vettura tieghu mal-mudguard u l-bull-bar tal-vettura tal-konvenut. Jikkontendi ukoll illi fil-mument tal-kollizzjoni kien hemm vetturi ipparkeggjati fuq in-naha tieghu tat-triq u ghal din ir-raguni illi kellu jaqla' xi ftit 'il barra. Meta acceda fuq il-post l-*investigating officer*,madanakollu dawn il-vetturi kienu telqu.

Hawnhekk ghalhekk hawn zewg verzjonijiet dijamettrikament opposti. Huwa fatt madankollu illi mill-iskizz tas-surgent tal-pulizija, Mifsud, jidher illi l-vettura tal-konvenut tinsab iktar lejn in-nofs tat-triq, filwaqt illi l-vettura ta'l-attur tidher illi qieghda fuq il-karreggjata taghha tat-triq. Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument huwa minnu illi kien hemm il-vetturi ipparkeggjati fuq in-naha tat-triq tal-konvenut, dan ifisser illi huwa kellu jaqla' kemmxejn 'il barra u ghalhekk kellu izomm prekawzjoni ikbar sabiex jassigura ruhu illi meta kien qed jaghmel dan ma kienx qighed jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta, iktar u iktar meta wiehed iqies illi l-vettura tieghu kienet ta' proporzjonijiet kemmxejn kbar.

Illi anke jekk wiehed ihares lejn il-hsarat subiti fil-vetturi, il-verzjoni ta'l-attur hija iktar wahda verosimili u dana ghaliex l-konvenut jikkontendi illi l-attur laqtu bil-ponta tal-vettura tieghu, izda ma tirruzlta l-ebda hsara fil-ponta ta' quddiem tal-vettura ta'l-attur u il-hsara tidher li tinsab kollha fil-genb ta'l-istess vettura.

Illi ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni u ghalhekk it-talba ta'l-attur tidher illi hija wahda gustifikata fid-dawl tad-dokumenti esebiti in sostenn ta'l-istess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tnax-il lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu. (Lm812.81)

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjaliipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------